# Il-Professur Nikol Zammit M. D.

HUWA dmir ta' kull poplu li għandu fih ruħ kulturali li jżomm dejjem ħajja t-tifkira tan-nies kbar taż-żmien l-imgħoddi li b'moħħhom u b'qalbhom, b'rieda qawwija u b'qalb imkebbsa ħadmu biex kisbulu l-jedd li jingħadd mal-popli magħqudin flimkien bl-irbit tal-għerf u ta' l-arti. Għax il-ħajja kulturali, bħall-ħajja tal-ġisem, tista' tikber u titqawwa bħalma tista' tonqos u titmewwet. U meta tibda tonqos, bħalma qiegħda tonqos illum, it-tifkira tal-kbar tagħna mejta hija mezz qawwi biex tqajjem fina mewġa ta' ħajja ġdida u tmexxina aktar bil-ħeffa lejn l-ideal ta' poplu li għandu ħajja oħra barra mill-ħajja tal-ġisem.

Illum irrid infakkar it-tabib Nikol Zammit tas-Siġġiewi, Professur tal-Filosofija fl-Università tagħna sas-sena 1890. Tabib u Professur tal-Filosofija huma diġà żewġ titoli li jiġbru fihom ħażna għerf. Barra minn dan kien letterat kbir, jinqala' biex jiddiskuti u jikteb fuq kollox, fuq xjenza, arti, letteratura, politika, soċjoloġija, kummerċ, u jikteb dejjem bi stil sabiħ u kif jixraq lissuġġett. Fl-arkitettura kien jifhem daqs perit; fost xogħlijiet oħra nsemmu n-navi u l-portiku tal-Knisja tas-Siġġiewi u l-portiku tal-Knisja ta' San Pupulju tal-Furjana. L-aktar li tmissna mill-qrib hi l-ħidma letterarja tiegħu u għalhekk ħalli naraw ftit x'kiteb u x'sewa għall-kultura ta' Malta bil-kitba tiegħu.

L-aqwa xogħol tiegħu hu *Pensieri d'un retrogrado* (1888), faċċ. 525, ġabra ta' riflessjonijiet soċjali, filosofiċi u morali. Fuq soġġetti filosofiċi kiteb ukoll xi konferenzi jew prolusjonijiet u xi artikoli f'*La Rivista*, ġurnal letterarju maħruġ aktarx minnu stess. Kemm kien għal qalbu l-ġid tal-Maltin, u kemm kien jixtieq imexxi dejjem 'il quddiem il-kummerċ u l-industriji ta' pajjiżu jidher minn dawn ix-xogħlijiet: *Esposizione di Industria Maltese*, 1864, faċċ. 200; *Malta e sue Industrie*, 1886, faċċ. 143; *Drenaggio, suoi rapporti colla vita, colla sanità e coll'economia*, 1875, faċċ. 227; *Il Conservatorio V. Bugeia*, 1883, faċċ. 247; *Ricerche idrauliche relative al programma per una migliore provista di acque per Malta*, 1855, faċċ. 46; *Memorie del centenario del naufragio di S. Paolo Apostolo*, 1858, faċċ. 168. Kien editur ta' tliet rivisti letterari: (1) *L'Ordine—giornale politico, lettera-*

*rio, religioso. Settimanale.* Beda joħroġ fit-28 ta' Ġunju, 1849 u spiċċa fis-27 ta' Marzu, 1852, b'kollox faċċ. 1068. (2) *L'Arte*, rivista letterarja maħruġa minn N. Zammit u l-Pofessur Ġalanton Vassallo minn Novembru 1862 sa Diċembru 1866. (3) *La Rivista, giornale Maltese, mensuale, patriottico e vario.* Beda joħroġ flewwel ta' Awissu, 1844, u spiċċa fil-15 ta' Lulju 1848; b'kollox żewġ volumi ta' 384 faċċati kull wieħed. Għalkemm l-editur mhux imsemmi, jidher minn Vol. II, faċċ. 28 li kien id-Dr. Nikol Zammit. Hedma letterarja sabiħa li tlaħħaq xi 4 000 faċċata ddaqs ta' dan il-qari u li s'issa ma naħsebx li hawn min għaddieha.

Barra milli kien kittieb sfiq u ħaddiem imħeġġeġ għall-ġid tal-Maltin, il-Prof. N. Zammit kien ukoll dak li ngħidulu "raġel ta' karattru." Kelma jew espressjoni li qiegħda tgħib bil-ftit il-ftit mill-ħajja ta' żmenijietna, u għalhekk lejn Dr. N. Zammit u oħrajn bħalu nħarsu llum mgħaġġba. Mill-kitba tiegħu li qrajna nistgħu npinġuh bħala bniedem li dejjem ħares lejn il-ġid ta' ħutu u lejn il-mixi 'l quddiem tat tagħlim u tal-għerf u li dejjem ħadem b'ħiltu kollha biex jasal fejn ried. Qatt ma ħares lejn wiċċ ħadd. Qatt ma ħalla min ibeżżgħu. Dak li kien ħażin, ġej minn min hu ġej, qatt ma beża' jgħid li kien ħażin. Mitt sena ilu l-qagħda politika ta' Malta ma kenitx mill-aħjar, imma Dr. Zammit qatt ma staħa u qatt ma beża' jsawwat lil min kien ħaqqu, bħalma għamel lil *Associazione Patriottica Maltese*, li ma kellhiex finijiet tajba. Qabeż għal Dun Ġ. Zammit *Brighella* meta deherlu li n-nies tal-Qorti ma mxewx miegħu bil-ħaqq, u kull meta kellu okkażjoni dejjem semma l-ħati b'ismu u kunjomu.

Fi żmienu, jew aħjar f'żgħożitu it-tagħlim fl-Università ma kienx mill-aħjar, u t-tagħlim tal-poplu kien ftit li xejn. Ma ħamelx li Malta tibqa' lura, imma arma oħra ma kellux biex jikkumbatti l-bruda u l-injoranza ħlief l-istampa. Kiteb ħafna artikoli fuq *L'Istruzione Pubblica* li minnhom sirna nafu li d-difett ta' l-istruzzjoni kien ġej l-ewwelnett mill-Gvern li għall-istruzzjoni ma kellu ebda ħerqa. Dr. Zammit igħid li s-*Società Medica d'Incoraggimento*, għaqda ta' l-aktar nies għorrief ta' Malta li kienu sikwit jiltaqgħu jaqraw u jiddiskutu fuq kwistjonijiet tax-xjenza medika darba talbu l-Gvern biex jislifhom kamra jew tnejn il-Belt fejn jistgħu jiltaqgħu; u l-Gvern jaħasra, ma kellu l-ebda toqba battala x'jagħtihom! Ara kemm ħabbtu rashom innies tal-Gvern bl-għorrief kollha ta' Malta! L-Università, igħid

ukoll Zammit, kienet immexxija ħażin minn Rettur ma jinqalax; il-Professuri ma kenux imħallsin biż-żejjed, u kull wieħed kien imgħobbi b'xogħol aktar milli jista' jlaħħaq. Nafu li dak iż-żmien l-Avukati kellhom żewġ Professuri biss li wieħed minnhom kien igħallem erba' suġġetti. It-tagħlim tal-Filosofija kien nieqes ħafna. U dan u iżjed minn dan Dr. Zammit qalu bla tlaqliq u bla biża', bla ma ħares lejn wiċċ ħadd u bla ma stenna ebda ħlas ħlief li jinbagħad minn nies il-Ħakma. Imma l-ġid ta' ħutu l-Maltin kien aqwa mill-ġid tiegħu nnifsu, u l-qawwa li tiġi minn kuxjenza safja kienet u tkun dejjem akbar mill-qawwa li tiġi minn ħbieb li llum imkabbrin bis-setgħa u għada minsijin minn kulħadd.

Innisslu fina ħsieb għoli u naħdmu għalih bla biża' ħajjitna kollha.

P. P. Saydon.